

3) ANKO AE Antiprospeion, Emporiou kai Viomichanias hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 65, 23.2.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-25 ta' Jannar 2017 – Sun System Kereskedelmi és Szolgáltató vs EUIPO – Hollandimpex Kereskedelmi és Szolgáltató (Choco Love)**

(Kawża T-325/15) <sup>(1)</sup>

**(“Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea Choco Love — Trade marks tal-Unjoni Ewropea u nazzjonali verbali u figurattivi preċedenti CHOCOLATE, CSOKICSŐ u Chocolate Brown — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Artikolu 8(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009”)**

(2017/C 070/23)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Sun System Kereskedelmi és Szolgáltató Kft. (Budapest, l-Ungarija) (rappreżentant: Á. László, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: I. Moisescu u A. Schifko, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO: Hollandimpex Kereskedelmi és Szolgáltató Kft. (Budapest)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-26 ta' Marzu 2015 (Każ R 1369/2014-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Sun System Kereskedelmi és Szolgáltató u Hollandimpex Kereskedelmi és Szolgáltató.

**Dispożittiv**

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Sun System Kereskedelmi és Szolgáltató Kft. hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO).

<sup>(1)</sup> ĠU C 279, 24.8.2015.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Jannar 2017 – LP vs Europol**

(Kawża T-719/15 P) <sup>(1)</sup>

**(“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Kuntratt għal żmien determinat — Deċiżjoni ta’ nuqqas ta’ tiġdid — Deċiżjoni impliċita ta’ ċaħda — Deċiżjoni ta’ ċaħda tal-ilment — Obbligu ta’ motivazzjoni — Dmir ta’ premura”)**

(2017/C 070/24)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Appellant: LP (rappreżentant: M. Velardo, avukat)

Appellat: L-Uffiċċju Ewropew tal-Pulizija (Europol), (rappreżentanti: D. Neumann u C. Falmagne, aġenti, assistiti minn D. Waelbroeck u A. Duron, avukati)